Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' April 2026**
**(OR. en)**

**8552/26**

**INF 119**
**API 85**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 5742/26 |
| Suġġett: | Abbozz tal-24 rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni |

1. L-Artikolu 17(1) tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti jistabbilixxi li kull istituzzjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament għas-sena preċedenti.

2. L-abbozz tar-rapport annwali għall-2025 jidentifika t-tendenzi u l-karatteristiċi ewlenin tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill u jeżamina l-ilmenti indirizzati lill-Ombudsman kif ukoll is-sentenzi mogħtija mill-qrati Ewropej fil-każijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament mill-istituzzjonijiet. Ir-rapport għall-2025 jsegwi l-format il-ġdid tal-aħħar snin, li tqassar minħabba l-fatt li d-data statistika li fuqha huwa bbażat ir-rapport hija data miftuħa fuq is-sit web tal-Kunsill.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni eżamina l-abbozz tar-rapport annwali għall-2025 dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill u kellu skambju ta' fehmiet dwaru fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' April 2026.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill japprova, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, ir-rapport annwali kif jinsab fid-dokument 5742/26.